MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2015

Numru. 1080/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR EDEL MARY CAMILLERI**

**VS**

**CARLOS SCERRI**
**(ID Nru. 81374M)**

Kumpilazzjoni Nru.: 1080/2014

Illum, 3 ta` Marzu, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carlos Scerri, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 81374M.

**Akkuzat talli:**

Fil-hamsa (5) ta` Settembru 2014 u fix-xhur ta` qabel u ta` wara, f'Malta, ikkommetta serq ta` diversi oggetti minn gewwa l-fond 'Martin', Triq Fra Ludovico Savoye, Rabat, Malta, liema fond huwa propjeta` ta` Alfred Vassallo, liema oggetti huma ta` valur ta` madwar erbgha mija u hamsa u sebghin ewro u hamsa u sittin centezmu (€475.65), ghad-dannu tal-istess Alfred Vassallo, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-persuna.

Kif ukoll talli taht l-istess lok, u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe` oggetti, liema oggetti huma ta` valur ta` madwar mitejn u tmienja u erbghin ewro (€248) ghad-dannu ta` Alfred Vassallo.
Kif ukoll talli taht l-istess lok, u cirkostanzi, ipproprija ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuni ohra, oggetti li s-somma taghhom hija ta` valur ta` madwar erbgha mija u hamsa u sebghin ewro u hamsa u sittin centezmu (€475.65) liema oggetti gew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu r-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli

**Ikkunsidrat:**

Dina l-Qorti tosserva li l-kwistjoni hija ta` natura purament civili u ghalhekk dina l-Qorti tastjena milli tiehu konjizzjoni taghha.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------